

32004R0950

L 173/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

7.5.2004

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 950/2004**tas-6 ta' Mejju 2004**

li jemenda għat-33 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi finanzjarji oħra fir-rigward tat-Taliban tal-Afganistan¹, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 667/2004², u b' mod partikolari fl-ewwel inċiż tiegħu tal-Artikolu 7(1),

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.
- (2) Fit-3 ta' Mejju 2004, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda l-lista tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi. L-Anness I għandu b'hekk jiġi emendat f'dan is-sens.
- (3) Sabiex ikun żgurat li l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma effettivi, dan ir-Regolament għandhu jidħol fis-seħħ immedjetament,

¹ ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

² ĠU L 104, 8.4.2004, p. 110.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hu emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell fis-6 ta' Mejju 2004

Għall-Kummissjoni

Christopher PATTEN

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-annotazzjonijiet li ġejjin għandhom jiżdiedu taħt l-intestatura 'Persuni Fiżiċi.

(a) Hacene Allane (*magħruf ukoll bħala* (a) Hassan the Old, (b) Al Sheikh Abdelhay, (ċ) Boulahia, (d) Abu al-Foutouh, (e) Cheib Ahcéne). Data tat-Twelied 17 ta' Jannar 1941. Post tat-Twelied El Ménée, l-Alġerija. Ċittadinanza: probabbilment Alġerina

(b) Kamel Djermane (*magħruf ukoll bħala* (a) Bilal, (b) Adel, (ċ) Fodhil). Data tat-Twelied 1965. Post tat-Twelied Oum el Bouaghi, l-Alġerija. Ċittadinanza: probabbilment Alġerina

(ċ) Dhou El-Aich (*magħruf ukoll bħala* Abdel Hak). Data tat-Twelied 5 ta' Awwissu 1941. Post tat-Twelied Debila, l-Alġerija. Ċittadinanza: probabbilment Alġerina

(d) Ahmad Zerfaoui (*magħruf ukoll bħala* (a) Abdullah, (b) Abdalla, (ċ) Smail, (d) Abu Khaoula, (e) Abu Cholder, (f) Nuhr). Data tat-Twelied 15 ta' Lulju 1963. Post tat-Twelied Chera, l-Alġerija. Ċittadinanza: probabbilment Alġerina

2. L-annotazzjoni 'Zulkifli Marzuki, Taman Puchong Perdana, Selangor, il-Malasja, Data tat-Twelied: 3 ta' Lulju 1968; Post tat-Twelied: Selangor, il-Malasja; Ċittadinanza: Malasjana Numru tal-Passaport: A 5983063; Numru tal-identifikazzjoni nazzjonali: 680703-10-5821' taħt l-intestatura 'Persuni Fiżiċi' għandha tinbidel b'dan li ġej:

'Zulkepli Bin Marzuki, Taman Puchong Perdana, Selangor, il-Malasja. Data tat-Twelied 3 ta' Lulju 1968. Post tat-Twelied Selangor, il-Malasja. Ċittadinanza: Malasjana. Numru tal-Passaport: A 5983063. Numru tal-identifikazzjoni :nazzjonali: 680703-10-5821.'»

3. L-annotazzjoni 'Yazid Sufaat (*magħruf ukoll bħala* (a) Joe, (b) Abu Zufar), Taman Bukit Ampang, Selangor, il-Malasja; data tat-twelied 20 ta' Jannar 1964; Post tat-Twelied: Johor, il-Malasja; Ċittadinanza: Malasjana Numru tal-Passaport: A 10472263; Numru tal-identifikazzjoni nazzjonali: 640120-01-5529' taħt l-intestatura 'Persuni Fiżiċi' għandha tinbidel b'dan li ġej:

'Yazid Sufaat (*magħruf ukoll bħala* (a) Joe, (b) Abu Zufar), Taman Bukit Ampang, Selangor, il-Malasja. Data tat-Twelied 20 ta' Jannar 1964. Post tat-Twelied Johor, il-Malasja; Ċittadinanza: Malasjana. Numru tal-Passaport: A 10472263. Numru tal-identifikazzjoni nazzjonali: 640120-01-5529.'»